MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 151/2010

**George Cini, bil-Karta tal-Identita Numru 491447M;**
**Philip Cini, bil-Karta tal-Identita Numru 857149M;**
**Carmela Farrugia, bil-Karta tal-Identita Numru 857848M;**
**Arnold Cini bil-Karta tal-Identita Numru 181668M; u**
**Ir-Reverendu Carlo Cini, bil-Karta tal-Identita Numru 328772M**

**-VS-**

**Francesca Saveria Cini, bil-Karta tal-Identia Numru 259934M**

Il-Qorti :

Rat r-rikors guramentat tal-atturi tas-17 ta'Frar 2010 li jaqra hekk:

*1. "Illi d-defunt Carmelo Cini huwa missier l-atturi George Cini, Philip Cini u Carmela Farrugia nee' Cini, u n-nannu tal-atturi l-ohra Arnold u r-Reverendu Carlo, ahwa Cini, ulied il-mejjet Nikola sive Lino Cini.*

*2. Illi l-konvenuta Francesca Saveria Cini hija tieni mara tal-imsemmi defunt Carmelo Cini , u huma kienu zzewgu fl-1 ta'Dicembru, 1985 (minn liema zwieg ma kellhomx ulied) wara li l-imsemmi Carmelo Cini kien romol mill-ewwel mara tieghu. Ludgarda nee' Grech li allura tigi omm l-esponenti George Cini, Philip Cini u Carmela Farrugia nee' Cini u n-nanna tal-atturi Arnold u r-Reverendu Carlo, ahwa Cini, ulied il-mejjet Nikola sive Lino Cini.*

*3. Illi b'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Antoine Agius datat 7 t'Awwissu 2008 (vide Dok 'A') id-defunt Carmelo Cini filwaqt illi ddizertda lil uliedu l-ohra Louis Cini, John Cini u Joseph Cini, innomina lill-esperti George Cini, Philip Cini u Carmela Farrugia bhala eredi universali tieghu fi kwota ta' kwint indivizi kull wiehed lill-esponenti Arnold u r-Reverendu Carlo , ahwa Cini, fi kwota ta' kwint indiviz bejniethom u lill-konvenuta fi kwota tar-rimanenti kwint indiviz.*

*4. Illi permezz tal-istess testment unica charta fl-atti tan-Nutar Antoine Agius datat 7 t'Awwissu 2008id-defunt Carmelo Cini halla b'titolu ta' legat lill-konvenuta d-dritt t'abitazzjoni relattiv ghad-dar u garaxx bin-numri 63 u 65, Triq il-Gdida, Hal Qormi, l-uzufrutt tal-oggetti mobbli li kienu jinsabu fid-dar tieghu u in pjena propjeta' kwalsijasi flus kontanti li jkunu jipposjedi fil-mument ta' mewtu u ddispona wkoll li f'kaz ta' bejgh tal-fond fuq imsemmi qabel il-mewt tal-konvenuta, l-esponenti jkunu obbligati li , oltre ghas-sehem taghha, jhallsuha s-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000).*

*5. Illi sussegwentament kien sar testment unica charta fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta'Dicembru, 2008 (vide Dok 'B') illi permezz tieghu nbidlu xi dispozizzjonijiet testamentarji mit-testment precedenti tad-*

*defunt Carmelo Cini u permezz tad-dizpozizzjonijiet testamentarji godda giet ulterjorment iffavorita u akkomodata l-istess konvenuta ghad-detriment tal-atturi.*

*6. Illi fil-mument illi sar dan it-testment unica charta addizjonali fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta'Dicembru, 2008 – madwar tliet gimghat biss qabel il-mewt tieghu – l-imsemmi defunt Carmelo Cini zgur li ma kellux il-kapacitajiet mentali u volitivi mehtiega sabiex ikun jista' verament japprezza dak li qieghed jaghmel, u dank if jista' jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*7. Illi tajjeb jigi rilevat li minkejja l-eta' tant avvanzata tieghu (id-defunt Carmelo Cini kelu 92 sena) u minkejja l-istat pessimu ta' sahha li l-istess defunt Carmelo Cini kien jinsab fih, ma gie allegat ebda certifikat mediku/ psikajatriku mal-imsemmi testment sabiex jattesta l-kundizzjoni mentali tat-testatur.*

*8. Illi ghalhekk dan it-testment huwa null u minghajr ebda effett a tenur tal-Artikolu 597 (b) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta)*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti-*

*(i) Prevja kull dikjarazzjoni ohra tavolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi fi zmien li fih sar it-testment unica charta adizzjonali fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta' Dicembru, 2008, id-defunt Carmelo Cini ma kellux il-kapacita volittiva u l-kapacita li jifhem u japprezza dak li kien qed jaghmel u/jew ma kienx sensih b'mod li seta' validament jiddisponi b'testment; u*

*(ii) Konsegwentament tiddikjara illi l-imsemmi testament unica charta addizzjonali fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta'Dicembru, 2008 huwa null u bla ebda effett*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kull linja t'azzjoni*

*ulterjuri li tista' tirrizulta disponibbli lill-esponenti kontra l-konvenuta."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikata mill-atturi u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotorju;

Rat li l-atti tar-rikors promotorju u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramenta ta' Francesca Saveria Cini tas-16 ta' Marzu 2010 li taqra hekk:

*1. "Illi talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda billi mhuwiex minnu li meta Carmelo Cini ghamel it-testment tat-3 ta' Dicembru 2008, fl-atti tan-Nutar Margarete Heywood, l-imsemmi Carmelo Cini ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali tieghu b'mod li ma setghax japprezza dak li qieghed jaghmel;*

*2. Illi ghalhekk l-imsemmi testment huwa validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*3. Salvi eccezzjonijet ohra."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal ta'30 ta' Marzu 2010 (a fol. 18) illi bih giet nominata l-Perit Legali Dr. Davinia Cutajar ;

Rat ir-rikors tal- Perit Legali Dr. Davinia Cutajar (a fol. 30) fejn talbet revoka ghall-inkarigu moghti lilha;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-4 ta' Mejju 2010 (a fol. 31) illi bih giet nominata l-Perit Legali Dr. Ramona Frendo ;

Rat ir-relazzjoni minnha prezentata fl-1 ta' Novembru 2012 u mahlufa fit-28 ta' Novembru 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tat-8 t'Mejju 2013 (a fol.108 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta tal-14 t’Awwissu 2013 (a fol.112 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-Affidavit tal-attur Philip Cini ( a fol. 21) jirrizulta illi, huwa kien iben it-testatur Carmelo Cini illi miet nhar it-30 ta’ Dicembru 2008. L-imsemmi Carmelo Cini kien mizzewweg darbtejn – l-ewwel mara tieghu, u cioe` omm l-attur Philip Cini mietet fis-sena 1977.

Fl-1 ta’ Dicembru 1985, missieru kien izzewweg lill-konvenuta u miz-zwieg taghhom ma twieldux tfal. Huma dahlu jirrisjedu gewwa d-dar ta’ l-anzjani Villa Messina, Rabat ghall-habta ta’ Marzu 2008.

Fis-7 ta’ Awwissu 2008 it-testatur Carmelo Cini kien ghamel testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Antoine Agius illi permezz tieghu, filwaqt illi ddizeredita lil uliedu Louis Cini, John Cini u Joseph Cini, innomina lill-atturi bhala werrieta universali tieghu. Permezz ta’ l-istess testment, it-testatur Carmelo Cini halla b’titolu ta’ legat lill-konvenuta d-dritt ta’ abitazzjoni tad-dar u garaxx 63 u 65, Triq il-Gdida, Hal-Qormi u l-uzufrutt ta’ l-oggetti kollha illi kienu jinsabu fl-istess dar u l-piena proprjeta` tal-flus kontanti kollha illi kellu fil-mument ta’ mewtu. It-testatur iddispona wkoll illi f’kaz illi l-proprjeta` ga` msemmija tinbiegh qabel il-mewt tal-konvenuta, l-atturi kellhom oltre ghas-sehem taghha, ighaddu lill-konvenuta s-somma ta’ €50,000.00.

Jigi rilevat illi permezz tat-testment [Dok. A], it-testatur Carmelo Cini istitwixxa wkoll lill-konvenuta bhala eredi universali tieghu u dana fil-porzjoni ta’ kwint (1/5) indiviz.

Philip Cini sostna illi missieru dejjem inkariga lin-Nutar Antoine Agius. Illi wara l-mewt tieghu skoprew illi fit-3 ta' Dicembru 2008, cioe`, missieru kien ghamel testment iehor man-Nutar Margaret Heywood illi permezz tieghu nbidlu xi affarijiet fit-testment, liema tibdiliet kienu jiffavorixxu bil-kbir lill-konvenuta.

Philip sostna li missieru qatt ma semma lin-Nutar Heywood, u li kien cert illi fil-mument meta sar it-testment man-Nutar Heywood, missieru ma kienx f'sensih u ma kienx jifhem x'kien qieghed jaghmel u ghalhekk jinsisti illi l-istess testment huwa null.

L-attur Philip Cini kompla jsostni illi kien imur izur lil missieru gewwa Villa Messina regolarment (almenu erba' darbiet fil-gimgha) u baqa' jaghmel dan sal-mument tal-mewt ta' missieru, flimkien ma hutu.

Madwar xahar u nofs qabel ma miet, it-testatur Carmelo Cini kien mar lura hafna, kien isibu mitluq fis-sodda u bilkemm jiekol u dana anki meta gabllu il-platt favorit tieghu. Kien il-hin kollh jbezlaq u lanqas kien jiflah igholli jdejh sabiex imiss xofftejh.

Philip Cini xhed illi missieru kien jiehu diversi pilloli kuljum. F'okkazjoni minnhom, madwar xahar u nofs qabel il-mewt tat-testatur Carmelo Cini, il-konvenuta kienet staqsiet lit-tabiba kuranti tieghu, Dottor Carmen Sammut dwar il-kundizzjoni ta' sahhtu, u dina, fil-prezenza tax-xhud kienet wiegbet illi dan kellu wahda mill-kliewi illi kienet spiccat ghal kollox, il-pulmun kien nixef u kien beda jattakkalu l-fwied u kien tbaxxielu d-demm;

L-attur Philip Cini sar jaf illi wahda mill-pilloli illi kien qieghed jiehu missieru kienet sabiex issahhahlu d-demm u sar jaf minghand huh, l-attur George Cini, illi missieru ghamel zmien ma jiehux din il-pillola ghaliex kien spiccalu l-i*stock* illi kellu u l-konvenuta ma regghetx xtratlu. Dak iz-zmien, ix-xhud kien isib lil missieru bil-qieghda fis-sodda jhares cass 'il quddiem u meta l-attur kien ikellmu, dan ma

kienx iwiegeb.  L-attur Philip Cini kien jigbed l-attenzjoni tal-konvenuta sabiex tikkonsulta ma' professur dwar il-kundizzjoni ta' sahhet missieru, pero` din kienet tirrifjuta ghaliex kienet tghid illi dan kien ikun ghajjien u kien ikun rieqed.

Carmelo Cini baqa' jiddeterjora tant illi meta kien mar jarah Michael, it-tifel tal-kugina tax-xhud, illi kien gie mill-Awstralja, missieru kien baqa' ccassat lejh u ma kellmux.

Philip Cini sostna illi fl-ahhar xahar u nofs qabel ma miet, it-testatur Cini kien qaleb ghall-aghar hafna tant illi waqfet kull komunikazzjoni ma' missieru ghaliex meta kien ikellmu, missieru kien jibqa' ccassat, u dan minkejja l-fatt illi x-xhud kien l-aktar wiehed *close* ma' missieru. Gabriella Busuttil, bint l-istess xhud, kienet qalet illi meta marret izzur lit-testatur Carmelo Cini, dan ma kellimhiex, anzi ma gharafhiex ghaliex hasibha neputija ohra.

Ghall-habta ta' Lulju 2008, it-testatur Carmelo Cini kien talab lill-attur Philip Cini sabiex isiblu psikjatra sabiex jaghmillu certifikat illi huwa kien ghadu f'sensih ghaliex huwa ried jaghmel testment – ghalhekk ix-xhud kien ikkuntattja lil Dottor Joseph Spiteri u dan kien invista lit-testatur Carmelo Cini gewwa Villa Messina u rrilaxxa certifikat.

Philip Cini sostna illi , il-konvenuta kienet tindahal f'kull diskors dwar il-gid ta' zewgha, u taghmel pressjoni sabiex zewgha jiehu hsiebha finanzjarjament, u kienet ta' sikwit iggib karta u tghid lill-zewgha sabiex joqghod jiffirma fuqha, sabiex taccerta ruhha li kien ghadu jaf jiffirma.

Meta sar it-testment tat-3 ta' Dicembru 2008, ma sar ebda certifikat b'tabib jew psikjatra illi jikkonferma illi t-testatur Carmelo Cini kien f'sikktu mentalment – l-attur jinsisti illi tali certifikat ma setax isir ghaliex missieru ma kienx mentalment f'sikktu dak iz-zmien.

L-attur George Cini  fl-Affidavit tieghu a fol. 25 et seq. kkonferma l-kontenut tal-parti sostanzjali ta' l-Affidavit ta' huh l-attur Philip Cini, ikkonferma li kien izur lil missieru

bejn darbtejn u tlett darbiet fil-gimgha u kien johorgu fil-Hdud u l-festi.

L-ahhar festa illi George Cini ha lil missieru ghaliha kienet dik tal-Madonna tal-Grazzja, Haz-Zabbar f'Settembru 2008. Madwar tlieta jew erbat ijiem wara, l-attur George Cini kien mar izur lil missieru gewwa Villa Messina u kien sabu bilqieghda fil-bitha flimkien mal-konvenuta. Wara, it-testatur Carmelo Cini kien qam jimxi bil-*walker* u f'daqqa wahda mar minn saqajh – minn dakinhar 'l hinn, l-attur George Cini qatt ma rega' ra lil missieru jimxi. Ghar-rigward tal-istat ta' sahha mentali u fizika tat-testatur Carmelo Cini, George Cini jikkonferma ix-xhieda ta' Philip Cini.

Ikkonferma ic-cirkostanzi li sehhew fil-Milied tas-sena 2008, dwar in-nuqqas ta' xi pilloli, li allegatament kellhom jigu moghtija lit-testatur mill-konvenuta, skond il-parir ta' Dottor Carmen Sammut.

L-attrici Carmela Farrugia fl-Affidavit taghha a fol. 27 , kkonfermat il-kontenut ta'parti sostanzjali tal-Affidavit ta' l-attur Philip Cini, li hija kienet izzur lil missierha darba fil-gimgha. Hija xhedet li sa tmien is-Sajf 2008, missierha kien ghadu f'kundizzjoni tajba, pero` mbaghad beda sejjer lura u lejn l-ahhar xahar u nofs ta' hajtu, kien ikun iccassat u lanqas biss kien iwiegibha meta dina kienet tkellmu.

Farrugia ikkonfermat okkazjoni fejn ilkonvenuta talbitha biex tixtrilha xi pilloli ghal missierha u Farrugia irrifjutat ghax tbati bis-shana.

F'okkazjoni ftit qabel ma miet it-testatur Carmelo Cini, kien mar iqarbnu l-qassis pero` missier ix-xhud tant kien mitluf illi baqa' ma tharrikx u ghalhekk, minflok ma qarbnu, il-qassis kien bierku.

L-attur Arnold Cini fl-Affidavit tieghu, a fol. 28, ipprezentat nhar it-30 ta' Marzu 2010, l-attur Arnold Cini, kkonferma il-kontenut ta'parti sostanzjali tal-Affidavit ta' l-attur Philip Cini, li kien imur izur, lil nannuh regolarment.

Huwa ddikjara, nannuh kien ghadu f'kundizzjoni tajba u kien jikkomunika sew sa tmiem is-Sajf 2008, pero` mbaghad beda jiddeterjora sakemm f'nofs ix-xahar ta' Novembru 2008, meta kien mar izur lill nannuh dan baqa' ccassat ihares fiss 'il quddiem.

Illi fl-ahhar xahar u nofs ta' hajtu nannuh baqa' fis-sodod, kompletament iccassat u ma kienx jikkomunika. Arnold Cini illi sas-Sajf 2008, u nannuh kienu jmorru anke jitkellmu fil-gnien u kienu jitkellmu anke fuq affarijiet ta' certu dettall bhall-assigurazzjoni tal-karozza.

L-attur ir-Reverendu Carlo sive Charles xhed illi huwa kien iben il-mejjet Nicholas Cini, illi kien wiehed mis-sebat itfal tat-testatur Carmelo Cini, u li kien jivjagga ta' spiss pero` bejn is-6 ta' Novembru 2008 u l-11 ta' Novembru 2008, huwa kien Malta u ghalhekk mar izur lil nannuh gewwa Villa Messina, huwa sabu iccassat u nannuh m'gharfux, waqt li meta zaru fi Frar tas-sena 2008 kien f'kundizzjoni ta' sahha ferm ahjar, kellmu u kien kapaci jaghmel konverzazzjoni.

Gie ezebit kopja tal-*file* mediku tat-testatur Carmelo Cini mill-Agent Supretendent tal-Isptar Mater Dei a fol. 48 et seq.

Gabriella Busuttil bint l-Attur Philip Cini fl-Affidavit taghha, ikkonfermat li l-ahhar darba illi rat lil nannuha kien f'Ottubru 2008 meta marret izzuru gewwa Villa Messina, dakinhar nannuha kien mimdud fis-sodda, u hu ma ccaqlaqx, m'gharafix u tfixkilha ma kugintha Marica.

Dakinhar Busuttil aktar tkellmet mal-konvenuta peress illi nannuha ma felahx jitkellem. Ix-xhud baqghet impressjonata peress illi l-ahhar darba illi kienet rat lil nannuha kien fis-sajf ta' l-istess sena, nannuha kien ghadu fuq saqajh u kien gharafha.

Matthew Gioffre` fl-Affidavit tieghu, ddikjara illi nhar it-22 ta' Dicembru 2008, huwa kien zar lit-testatur Carmelo Cini gewwa Dar ta' l-Anzjani, akkompanjat minn Philip Cini.

Huwa sab lit-testatur Cini mimdud f'soddtu, b'ghajnejn maghluqa u deher mitluf minn sensih. L-attur Philip Cini pprova jikkomunika ma' missieru diversi drabi billi kellmu u ghezzizlu idu, pero` it-testatur Carmelo Cini ma ghamel ebda reazzjoni.

It-testatur Carmelo Cini ma kienx fi stat illi jikkomunika, kemm verbalment kif ukoll fizikament – huwa deher minghajr hajja.

In-Nutar Antoine Agius a fol. 214 et seq. xehed illi kien ilu jaf lit-testatur Carmelo Cini ghal snin twal; u cioe' qabel ma zzewweg lill-konvenuta. It-testatur Cini kien imur ghandu sabiex jiehu parir kemm-il darba;

In-Nutar Cini, ikkonferma illi Dok. A anness mar-Rikors Guramentat huwa estratt mit-testment illi rrediga hu ghat-testatur Carmelo Cini fis-7 ta' Awwissu 2008. Dan ma kienx l-ewwel testment illi x-xhud ghamel ghat-testatur Cini. Kull darba, it-testatur Carmelo Cini kien jiehu parir legali u hekk gara wkoll f'din l-okkazjoni; in-Nutar Agius kien hejja l-abbozz tat-testment u wara illi dan gie approvat mill-konsulent legali tat-testatur, sar it-tesment. Peress illi fiz-zmien meta sar dan it-testment, it-testatur Carmelo Cini kien qieghed jirrisjedi gewwa Villa Messina, kien il-Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, bhala l-konsulent legali ta' l-istess Cini, illi ghadda lin-Nutar Agius l-istruzzjonijiet dwar dak illi kellu jitnizzel fit-tesment. In-Nutar Agius abbozza t-testment u ghaddieh lill-Prof Mifsud Bonnici bhal ma kien solitament jaghmel.

Peress illi kien innota certa deterjorazzjoni fil-kundizzjoni tat-testatur Carmelo Cini, f'din l-okkazjoni, in-Nutar Agius kien esiga illi jigi prodott certifikat ta' psikjatra qabel isir it-testment.

Meta kienu jsiru t-testmenti tal-konjugi Cini, kienet haga normali illi jkun hemm certu dibattitu bejniethom dwar dak illi t-testatur Carmelo Cini kien ser ihalli lill-konvenuta. Ma kienitx tkun l-ewwel darba illi in-Nutar Agius kien ikollu

jibdel l-ammonti minn dak illi jkun qallu l-Prof Mifsud Bonnici. Kien hemm okkazjonijiet meta in-Nutar Agius kellu jibdel jekk, per ezempju, certa proprjeta` kienitx ser tithalla b'uzufrutt jew f'sehem indiviz.

Mill-esperjenza, In-Nutar Agius kien dara illi jekk mill-ahhar abbozz li kien ikun ta lill-Prof Mifsud Bonnici jilhqu jghaddu xi erbat ijiem sakemm isir it-testment, il-konjugi Cini kienu jkunu baqghu jiddiskutu fit-tul id-dispozizzjonijiet illi ser jaghmlu. Generalment il-konvenuta kienet tkun trid xi haga aktar minn dak illi kien ftiehmu qabel illi t-testatur Carmelo Cini kien ser ihallilha. In-Nutar Agius kien jintebah illi d-diskussjoni illi kienet tqum quddiemu waqt li kien ikun qieghed jaghmel it-testment, kienet tkun kontinwazzjoni ta' argument illi diga` sar.

Meta n-Nutar Agius kien idum ma jara lit-testatur Carmelo Cini xi tliet xhur, huwa kien jinnota kambjament ghall-aghar fih u kien ghalhekk illi sa minn qabel ma mar jaghmel dan l-ahhar testment, in-Nutar Agius kien insista illi jkun hemm certifikat psikjatriku.

It-testatur Carmelo Cini kien minn dejjem *very alert* u *sharp*; anke l-konvenuta kienet *sharp*. Meta n-Nutar Agius mar jaghmel it-testment tas-7 ta' Awissu 2008, it-testatur Carmelo Cini kien jaf ezattament x'qed isir, pero` ma tantx kien ta' kliem u kien jidher illi kien debbolissimu. Apparti hekk, kienet spiccatlu ghal kollox l-indipendenza fizika.

Wara dan it-testment, in-Nutar Agius kellu argument zghir mal-konvenuta fuq xi kont zghir biex hadilha l-kopji tat-testment ir-Rabat.

Wara l-ahhar testment illi ghamel, in-Nutar Agius ma regax ra lit-testatur Carmelo Cini sa mewtu.

Meta mar jaghmel dan l-ahhar testment, in-Nutar Agius kien ixxokkja ruhu bl-istat ta' sahha debolli li kien jinstab fiha t-testatur Carmelo Cini.

In kontro-ezami, in-Nutar Antoine Agius iddikjara illi t-testatur Carmelo Cini ma kienx *alert* daqs qabel izda kien jifhem kollox. Fizikament pero kien deterjorat hafna. Dwar l-abbilita` psikologika tieghu, ix-xhud strah fuq ic-certifikat tal-psikjatra.

Ghalkemm it-testatur Carmelo Cini ma tantx tkellem f'dik l-okkazjoni, meta kellu bzonn jirrezisti ghal xi haga, kien hemm ritorn tal-*will power* illi kellu precedentement.

It-testatur Carmelo Cini kien bil-kontenut preciz tat-testment u anke rrezista suggeriment illi kienet ghamlet il-konvenuta meta din riedet xi haga izjed.

In-Nutar Antoine Agius ikkonferma t-timbru u l-firma tieghu fl-affidavit tat-testatur Carmelo Cini;

Ma jiftakarx ic-cirkostanzi illi fihom gie redatt dan id-dokument, liema dokument ma giex redatt minn Nutar Agius.

Carmelo Cini ghamel diversi testmenti ghand in-Nutar Agius, fosthom it-tesment illi sar gewwa Villa Messina fix-xahar ta' Awwissu 2008. In-Nutar Agius ma jidhirlux illi huwa ghamel xi abbozz ta' testment iehor wara dak ta' Awwissu 2008.

In-Nutar Agius ma jiftakarx illi xi hadd minn ulied Carmelo Cini mar jigbor xi abbozz ta' testment minghandu. N-Nutar ftakar ukoll illi qabel ma sar it-testment ta' Awwissu gewwa Villa Messina, kien cempillu l-Professur Gogo Mifsud. Wara din it-telefonata, ix-xhud kien mar ikellem lill-Professur Mifsud Bonnici, fejn gie ikkjarifikat il-kontenut tat-testment.

In-Nutar Agius cahad illi huwa kien ghadda l-abbozz ta' dan it-testment lil xi hadd minn ulied Carmelo Cini, u l-ghada Carmelo Cini kien cempillu sabiex jistaqsih ghaliex kien ghadda l-abbozz lil ibnu. Anzi in-Nutar Agius insista illi l-abbozz illi kellu, huwa kien ghaddieh lill-Professur Mifsud Bonnici u mbaghad mar bih gewwa Villa Messina ghand Carmelo Cini.

Tessie Schembri carer f'Villa Missina xhedet a fol. 218 et seq. illi hija kienet tokkupa l-kariga ta' *carer* gewwa Villa Messina ghal 10 snin, li tiftakar lit-testatur Cini go Villa Messina, ghaliex kien ikun *assigned* lilha madwar darba f'xahar ghaliex l-*assignments* jinbidlu minn jum ghal jum u l-*carers* kollha jmisshom ma' kull pazjent.

Hija xhedet illi f'Villa Messina kien hemm madwar 50 *carer* inkluz Doris Chircop, Rosanne Micallef, Mary Cassar, Josephine Farrugia, Simone Borg, li lkoll haddmu mat-testatur Cini.

Hija konfermat illi meta t-testatur Cini dahal gewwa Villa Messina, kien f'sahhtu. Biz-zmien, mar ghall-aghar. Meta dahal kien jimxi, izda mbaghad gie *bedridden*.

Tessie Schembri xhedet illi fl-ahhar stadju tas-soggiorn tieghu f'Villa Messina, Cini kellu bzonn min jitimghu. Il-*carers* damu jitimghuh ghal perijodu ta' bejn xahar, xahrejn.

Schembri tiftakar illi l-*carers* kienu jitimghu lit-testatur Carmelo Cini ikel *liquidised* bl-imgharfa, din kienet tkun decizjoni tan-*nurses*, fosthom Carmen Bonello u Jane Schembri.

Meta Cini gie *bedridden,* il-*carers* kienu jahsluh. Sussegwentement Cini baqa' dejjem sejjer ghall-aghar, u fl-ahhar, lanqas biss kien baqa' jikkomunika.

Hija konfermat illi Villa Messina zzomm *patient file* ghal kull resident bl-informazzjoni dwar dak illi jirrigwarda lir-resident, izda ma kienx jinzamm xi registru dwar liema *carer* kienet tkun *assigned* ma' liema pazjent.

Tessie Schembri xhedet illi kien hemm madwar erba' *Seniors* fosthom Carmen Micallef.

Pazjent illi jkun *bedridden,* jirrikjedi zewg *carers*.

Schembri xhedet illi lejn l-ahhar ta’ hajtu Cini kien iwaqqa’ u jbezlaq waqt li jitimawh, kien ikun mitluq ghal kollox u ma jghinx ruhu. Schembri ma dehrilhiex illi lejn l-ahhar ta’ hajjtu li Cini kien ikellem lill-*carers*.

In kontro-ezami Schembri xhedet li x’aktarx Cini dam fl-istat malandat illi ddeskriviet hi ghal xi ftit gimghat.

Giovanna Galea a fol. 221 xehdet illi hija kienet xhud ta’ testment illi kien ghamel it-testatur Carmelo Cini. Kienet il-konvenuta illi talbitha sabiex tidher bhala xhud fuq dan it-testment illi sar gewwa l-kamra tal-konjugi Cini f’Villa Messina.

Meta x-xhud dahlet fil-kamra tal-konjugi Cini, it-testatur Carmelo Cini kien liebes hdejn il-gallerija u hdejh kien hemm il-konvenuta. In-Nutar, li kienet mara, bdiet taqra u Carmelo beda jirrispondi – ighid iva.

Galea ma ftakritx jekk in-Nutar kienitx bdiet tikteb jew jekk qratx biss.

Prezenti, apparti l-konjugi Cini u n-Nutar, kien hemm Salvina Sammut illi wkoll kienet xhud fuq it-testment.

Galea ma ftakritx il-kontenut tat-testment , ftakret biss l-ahhar kelma, u cioe` illi l-flus kienu ghall-konvenuta.

Ftakret ukoll illi sakemm in-Nutar qrat it-testment, il-konvenuta kienet hdejn zewgha.

Galea xhedet illi Villa Messina torganizza hargiet darba fix-xahar u l-konvenuta u zewgha kienu jmorru ghal dawn il-hargiet.

Mistoqsija dwar l-istat ta’ sahha ta’ Carmelo Cini, Galea wiegbet illi hija ma kienitx taghti kaz. Galea taf illi Cini miet pero` ma tafx dan kemm kien wara illi huwa ghamel it-testment.

Salvina Sammut xhed hija residenti gewwa Villa Messina u kkonfermat l-konvenuta u zewgha kienu talbuha sabiex tidher bhala xhud – fuq it-testment ta' Carmelo Cini.

Dakinhar meta sar it-testment, Sammut tiftakar lit-testatur Carmelo Cini bil-qieghda – u li Giovanna Galea, in-Nutara, il-konvenuta u t-testatur Cini kienu prezenti.

Sammut ma kienitx tafx x'kien il-kontenut tat-testment.

Sammut tiftakar lin-Nutar tghid lit-testatur Carmelo Cini sabiex jiffirma pero` ma tafx illi semghet lill-konvenuta tghid xi haga. Sammut ma damitx fil-kamra iktar minn kwarta – bejn wiehed u iehor;

Dakinhar Carmelo Cini kien qal lix-xhud illi kien qieghed ihossu mhux hazin. Carmelo kien jiekol u jilbes wahdu pero` gieli kellu bzonn l-ghajnuna biex jinhasel. Ix-xhud ma tafx jekk Cini baqax sa l-ahhar, jiekol u jilbes wahdu.

Sammut ikkonfermat illi tiftakar illi l-konvenuta kienet qaltilha illi zewgha kien se jirranga xi ftit it-testment u talbitha biex toqghod xhud. Din kienet l-ewwel darba illi x-xhud dehret bhala xhud fuq testment.

Mary Cassar xhedet illi tokkupa l-kariga ta' *Care Worker* gewwa Villa Messina.

Cassar gieli kienet assenjata mat-testatur Carmelo Cini. Ix-xhud kienet ilha tahdem gewwa Villa Messina ghal hdax-il sena u nofs qabel din is-seduta u Cini dahal warajha.

Cassar xhedet illi meta dahal, Carmelo kien mhux hazin.

Cassar xhedet li lejn l-ahhar ta' hajtu, it-testatur Carmelo kien *bed-ridden* – kienu jahsluh u jitimghuh il-*carers*.

Lejn l-ahhar ta' hajtu, Carmelo kien ikun assenjat ma' zewg *care workers* f'*double-assignment* ghaliex kien ikun difficli illi persuna wahda tindukrah wahedha. Lejn l-

ahhar, Carmelo kien isib problema biex jiekol u ma kienx jikkomunika hafna mal-*carers*.

Mistoqija jekk lejn l-ahhar ta’ hajtu, Carmelo Cini kienx ikun f’sensih jew mitluf minn sensih, Cassar wiegbet illi jekk issejjahlu kien iwiegeb.

In kontro-ezami fil-kors ta’ l-istess seduta, Cassar ikkjarifikat illi t-testatur Cini mhux minn dejjem kien f’kundizzjoni illi ma tistax toqghod tpacpac mieghu, pero` hija ma tiftakarx kemm dan dam f’din il-kundizzjoni.

Josephine Farrugia prodotta mill-atturi, xehdet illi kienet ilha tokkupa l-kariga ta’ *Care Worker* gewwa Villa Messina ghal erbatax-il sena. Gieli kienet assenjata mat-testatur Carmelo Cini.

Meta t-testatur Cini beda jirrisjedi gewwa Villa Messina, mill-lat fiziku, kien diga` sejjer lura. Mill-lat mentali, kien ghadu jirraguna.

Lejn l-ahhar ta’ hajtu, Carmelo kien *fully-dependent,* jigifieri kellu bzonn min jahslu u min jitimghu – lejn l-ahhar kien jiekol *liquidised* jew *soft foods* f’kamartu. Huwa dam xhur f’dan l-istat ta’ *full-dependence.* Gieli ma kienx ikun irid jiekol u l-*carers* kien ikollhom jisforzawh.

Il-*carers* ma joqghodux ipacpcu mar-residenti hlief li forsi jistaqsuh kif inhu. Carmelo kien baqa’ jaghraf lil martu u lil uliedu.

Farrugia xhedet illi t-testaur Cini qatt ma kien xi wiehed ta’ hafna diskors u ghalhekk ix-xhud ma tantx setghet tinnota xi differenza jekk dan naqqas mid-diskors.

In kontro-ezami fil-kors ta’ l-istess seduta, ix-xhud xehdet illi fl-opinjoni taghha, lejn l-ahhar ta’ hajtu Carmelo Cini kien jaf x’qieghed jigri madwaru. Baqa’ lucidu fis-sens li ma kienx mitluf minn sensih sakemm mar l-isptar.

Imbaghad in ri-ezami, Farrugia iddikjarat is-segwenti, illi l-*carers* gewwa Villa Messina jmisshom ma’ pazjent darba

fi hmistax jew tlett gimghat. Meta kien imissha x-xift ta' bil-lejl, lil Carmelo kienet sempliciment iddahhlu fis-sodda.

Robert Grech xhed illi kien jokkupa l-kariga ta' *Facility Manager* gewwa Villa Messina minn Ottubru 2009. Carmelo Cini dahal bhala residenti gewwa Villa Messina fis-17 ta' Marzu 2008 filwaqt illi martu dahlet fit-30 ta' Marzu 2008, kif jirrizulta mir-*records.*

Villa Messina ma kellhiex *record* ta' min kien ikun assenjat ma' Carmelo Cini. L-*assignment sheets* jinzammu ghal perijodu ta' madwar xahar biss.

Kull resident illi jidhol Villa Messina jigi assenjat tabib kuranti. Dan it-tabib, skond il-Ligi, huwa obbligat illi jaggorna l-*medical file* f'kull vista. Il-*medical file* jinzamm fin-*nurses station.*

F'Villa Messina m'hemmx spizerija.

B'referenza ghat-talba sabiex jipprezenta d-dokumentazzjoni medika u *daily reports* relattivi ghal Carmelo Cini ghall-perijodi bejn l-20 ta' Awissu 2008 u t-23 ta' Settembru 2008, u mill-11 ta' Novembru 2008 sas-7 ta' Dicembru 2008, Robert Grech spjega illi minkejja t-tfittxijiet kollha illi saru f'Villa Messina, dawn l-entrati ma nstabux.

It-tobba jiktbu fil-*medical reports* u mhux fid-*daily reports*. Il-*medical notes* huma kollha disponibbli.

L-entrata fil-*medical notes* tas-17 ta' Marzu 2008 ma kienitx iffirmata. Pero` min-notamenti ohra li hemm fil-*file* ta' Cini, Grech jikkonferma illi kienet Dottor Marcon Ali illi rat lill-pazjent f'din il-gurnata. Dan sar bhala parti mill-*admission procedure*.

Grech ikkonferma li t-tabiba kuranti ta' Cini kienet Dottor Carmen Sammut. Imbaghad Dottor Sammut bdiet tarah minn Novembru 2008 'l hemm.

Doris Chircop xhedet illi kienet ilha tokkupa l-kariga ta' *Care Worker* gewwa Villa Messina ghal tmien snin .

Carmelo Cini kien assenjat max-xhud diversi drabi, u li fl-ahhar il-*carers*, kienu jaghmlulu kollox– cioe' jitimghuh *liquidized food* u jahsluh., u fl-ahhar huwa kien ikun fuq *double-assignment*. Carmelo ghamel iktar minn xahar zgur f'din il-kundizzjoni.

Chircop xhedet illi, Carmelo ma tantx kien jitkellem imma aktar forsi jaghmel xi sinjal b'rasu.

Sa fejn tiftakar Chircop, fl-ahhar xahar Carmelo ma kienx jikkomunika aktar milli jiftah ghajnejh jew jaghmel xi sinjal b'rasu.

Rosanne Micallef illi kienet ilha tnax-il sena tahdem bhala *care worker* gewwa Villa Messina, u li Carmelo Cini gieli kien assenjat max-xhud.

Fil-bidu Carmelo kien jimxi bil-*frame*, imma lejn l-ahhar gie *wheelchair-bound* u anke *bed-ridden.*

Lejn l-ahhar Carmelo Cini kien jiekol *liquidized food* ghaliex ma setax jibla'.

Il-*carers* kienu jahslu lil Carmelo fis-sodda stess, *full bath*. Kienu jdawwruh huma.

In kontro-ezami Rosanne Micallef iddikjarat illi Carmelo Cini kien jikkomunika maghha. Per ezempju jekk ighidulu li se jdawwruh waqt illi qieghdin jahsluh.

Hija ziedet illi fl-ahhar Carmelo Cini ma tantx kien se jaqbad xi konverzazzjoni huwa stess – anke minhabba l-kundizzjoni ta' sahhtu. Qabel kien jitkellem mal-*carers*.

In-Nutar Margaret Heywood xhedet illi ma kienitx taf lil Carmelo Cini qabel ma ghamlet it-testment tieghu. Kien l-Imhallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici illi kien talabha sabiex tmur Villa Messina biex taghmel dan it-

testment. Dan kien testment addizzjonali – Heywood ma kienitx rredigiet it-testment precedenti.

Originarjament kien l-Imhallef Emeritus illi spjega lix-xhud dak illi kien jehtieg illi jsir. Imbaghad ix-xhud kienet marret tkellem lill-konjugi Cini go Villa Messina u eventwalment irredigiet it-testment fl-ufficcju taghha.

Dr. Margaret Heywood tiftakr li marret, zgur, aktar minn darba f'Villa Messina.

Meta gie moqri u ffirmat it-testment, l-abbozz kien ipprintjat diga`.

Mistoqsija kemm ghadda zmien bejn meta kellmet lill-konjugi Cini sa meta eventwalment gie ffirmat it-testment. In-Nutar wiegbet illi s-soltu dan ma jiehux aktar minn gimghatejn.

Meta x-xhud marret tkellem lill-konjugi Cini, is-Sur Cini kien bil-qieghda. Carmelo Cini lilha kellimha u zgur li ma kienitx ser naghmel testment kieku ma kellmitx lit-testatur.

Il-konvenuta kienet prezenti meta x-xhud iddiskutiet id-dispozizzjonijiet illi ried jaghmel it-testatur Carmelo Cini ma' l-istess Cini. Waqt din id-diskussjoni, il-konvenuta wkoll ippartecipat. Peress illi l-konvenuta kienet titkellem aktar minn Carmelo Cini, kien hemm hinijiet meta n-Nutar Heywood waqqfitha sabiex setghet tara x'ried zewgha.

Ghalkemm il-konvenuta kienet titkellem iktar minn zewgha, ix-xhud ivverifikat il-volonta` ta' Carmelo Cini mid-diskors illi qalilha huwa stess.

Qabel ma ghamlet it-testment, ix-xhud kellha kopja tat-testment ta' Awissu 2008. Ma' dan it-testment ta' Awissu 2008 kien hemm certifikat ta' psikjarta. Mat-testment illi sar fl-atti tax-xhud, ma kienx certifikat mehmuz.

Ix-xhud kienet talbet lill-konjugi Cini ghal certifikat psikjatriku jew ta' tabib u , il-konvenuta kellha *envelope* b'certifikat fih, pero` dina ma ehmzitux mat-testment.

Heywood spjegat illi m'hemm xejn fil-Ligi illi jobbliga lin-Nutar illi jehmez ic-certifikat .

Id-data tac-certifikat kienet vicin hafna ghad-data tat-testment, izda x-xhud xorta wahda ma ehmzitux.

In-Nutar Heywood tiftakar illi resqet qrib tat-testatur Carmelo Cini ghaliex, jekk ix-xhud tiftakar sew, dan kien ibati mis-smiegh, sabiex bdiet taqra t-testment bil-mod u b'vuci gholja, u tispjega dak illi kien qieghed jinghad.

Heywood, lit-testatur Carmelo Cini dejjem ratu bil-qieghda fil-pultruna – mhux fis-sodda.

Heywood ma ftakritx li staqsiet lill-konjugi Cini ghal liema raguni kienu inkarigaw lilha bhala Nutar u mhux lin-Nutar Agius bhal fl-okkazjoni precedenti.

In kontro-ezami, ix-xhud kompliet tixhed is-segwenti: **-**

Hija u taqra t-testment, Carmelo Cini deher illi kien qieghed jifhem dak illi kienet qieghda taqralu x-xhud. Carmelo Cini kien kellimha lil Heywood – qabel dahlu x-xhieda, Heywood staqsiet lill-konjugi Cini jekk kienx kollox kif tkellmu u Carmelo Cini kkonfermalha.

Dottor Peter Ferry specjalista f'*acute medicine* u medicina gerjatrika f'Karen Grech Hospital, St. Vincent de Paule Residence.

Dr. Ferry ra lil Carmelo Cini gewwa Villa Messina f'zewg okkazjonijiet u cioe` fl-24 ta' Novembru 2008 u fis-6 ta' Dicembru 2008.

Dr.Ferry ikkoncentra fuq dan l-aspett fiziku tat-testatur u ma dahalx fl-aspett mentali.

Dr. Ferry innota illi Cini kellu sinjali ta' *Parkinsonism*. Fil-bidu taghha, din il-marda ghandha l-aktar effett fuq l-aspett fiziku. Il-pazjent inaqqas mill-moviment – ikun *slow to initiate movement*, kellu ghebusija f'idejh u f'saqajh,

kellu wkoll *mask-like facials*, ossia wiccu ma kienx espressiv.

Cini ma kellux sinjali ohra ta’ mard neurologiku iehor bhal ma hija l-puplesija. Lanqas ma kellu roghda.

Fl-ewwel okkazjoni illi Dr.Ferry ra lil Cini, id-dianjozi kienet ghadha mhix certa u ghalhekk fin-notamenti x-xhud nizzel “*?Parkinsonism*”.

Sikkome ma jezistux tests specifikici ghall-*Parkinsonism,* trid tigi evalwata j is-sitwazzjoni tal-pazjent fuq medda taz-zmien.

Dr. Ferry sostna li huwa kien jifhem lil Cini seta’ jaghmel it-test neurologiku minghajr ebda problema.

Dr.Ferry xhed illi x’aktarx Cini kien ikellmu ghaliex kieku ma kellmux, dan l-istat ta’ fatt kien jnizzel dan bhala wiehed mis-sinjali neurologici.

Meta x-xhud ra lil Cini fis-6 ta’ Dicembru 2008, l-ghebusija kienet naqsitlu izda Dr.Ferry nnota illi kien hemm *pressure sore* tat-tieni u anke t-tielet grad. Dan ifisser illi Cini kellu gerha, mhaffra in-naha t’isfel tad-dahar u fejn beda tiela’ l-laham hazin. Fit-tieni okkazjoni, Dr.Ferry m’ghandux notament fis-sens illi l-pazjent ma kienx qieghed jifhmu.

Dr. Ferry spjega illi *“bed sore”* tat-tip li kellu Cini tiehu diversi granet.

Dr. Ferry m’ghamilx *assessment* tal-istat mentali ta’ Cini dwar dan peress illi l-investigazzjoni tieghu f’dak l-istadju kienet koncernata bl-aspett fiziku.

Fil-bidu taghha l-*Parkinsons Disease* teffettwa l-aspett fiziku izda biz-zmien tista’ twassal ghal mard mentali, bhad-*depression* jew *dementia*, u ukoll il-marda *Lewy Body Dementia* fejn l-aspett mentali huwa aktar pronunzjat.

Dr. Ferry kkonkluda li Cini ma kellux *Lewy Body Dementia.*

Il-*Parkinsons Disease* u l-*Lewy Body Dementia* huma z-zewg estremi (fiziku u mentali) tal-*Parkinsonism*, u Cini x'aktarx kienet x'imkien bejn dawn iz-zewg estremi.

Carmen Micallef xhedet illi kienet tokkupa l-kariga ta' *Senior Carer* gewwa Villa Messina mis-sena 2008.

Kkonfermat li lejn l-ahhar xahar ta' hajtu Cini kien *bed-ridden* u jiekol *liquidized food*, kien ikellimha: per ezempju meta x-xhud kienet tghidlu "*bongu*" , pero` ma kienx izomm konverzazzjoni shiha. F'dak l-istadju, Cini kien ikun hafna rieqed u gieli kien ikun hemm gurnata shiha fejn bil-kemm kien jiftah ghajnejh.

Dottor Carmen Sammut xhedet illi kienet n-neputija tal-konvenuta, u li kienet tindokra lil Carmelo Cini bhala pazjent taghha minn meta dana zzewweg lill-konvenuta.

Villa Messina zzomm *file* mediku ta' kull pazjent.

Meta Dr.Sammut kienet taghmel *entries* fil-*file* mediku ta' Carmelo Cini, hija kienet tara l-*file* kollu.

Dr Sammut ikkonfermat li rreferit it-testatur Cini, dwar *bed sore* lil-*geriatrician* Dottor Peter Ferry. Kien hemm okkazjonijiet ohra meta x-xhud irriferiet lil Cini l-isptar;

Dr.Sammut ikkonfermat illi l-*entry* illi saret fil-*medical file* ta' Carmelo Cini nhar is-17 ta' Novembru 2008, saret minnha.

B'referenza ghall- *entry* tas-17 ta' Marzu 2008 fejn hemm indikat "*O/E (on examination) suffers from mild dementia"*, Dr. Sammut wiegbet fis-sens illi hija kienet titkellem ma' Carmelo Cini regolarment u qatt ma rat sinjali ta' *dementia*.

Lejn l-ahhar ta' hajtu, ossia mill-*entry* tas-17 ta' Novembru 'l quddiem, Carmelo kien jiekol *liquidized food,* ma kienx

*alert* pero` meta x-xhud kienet taghfaslu jdejh jew tmisslu wiccu, dan kien jaghrafha, u kien iwiegeb ghal domandi semplici.

Dr. Sammut ikkonferma tilli hija m'ghamlitx test mentali lil Carmelo pero` kien jidher illi ma jiflahx jitkellem – kien bla sahha *overall* u dan b'referenza ghal ftit qabel ma miet.

X'aktarx illi bejn is-17 ta' Novembru 2008 u d-19 ta' Dicembru 2008, Dr.Sammut kienet rat lil Carmelo drabi ohra ghaliex dak iz-zmien il-konjugi Cini kienu ta' spiss jibaghtu ghaliha.

Carmelo kien jiehu diversi pilloli. Dr. Sammut kienet ziditlu xi pilloli ta' taht l-ilsien ghaliex kien ikollu wgiegh f'sidru. Kien ukoll jiehu s-Sinemet illi kien ippreskrivihomlu Dr. Ferry peress illi kellu sintomi ta' *Parkinsonism*. Carmelo ma kellux *full-blown Parkinsonism*.

Dr. Sammut ma tiftakarx illi hija kienet taghti lil Carmelo xi pilloli biex tqawwi jew tghollilu d-demm – lanqas ix-xhud ma sabet xejn fil-*file* esebit f'dan is-sens.

Dr. Sammut cahdet dak suggerit lilha fis-sens illi kien hemm okkazjoni meta hija haditha kontra l-konvenuta ghaliex kienet naqset milli taghti xi pillola lil zewgha. Anzi x-xhud ikkjarifikat illi l-konvenuta kienet dejjem tiehu hsieb ta' zewgha u zgur illi x-xhud qatt ma kellha problemi ta' dan it-tip mal-konvenuta.

In kontro-ezami fil-kors ta' l-istess seduta, Dr.Sammut kompiet tixhed illi l-kundizzjoni ta' Carmelo sal-5 ta' Dicembru 2008 kienet ghadha mhux hazin u kien biss sussegwentement illi dahlet id-digenerazzjoni illi tissemma fl-*entry* tad-19 ta' Dicembru 2008.

Ghall-habta tal-5 ta' Dicembru 2008 ix-xhud kienet giet mitluba sabiex tohrog certifikat riferibbilment ghall-istat mentali ta' Carmelo Cini. Hija kienet harget tali certifikat u kienet iccertifikat illi Cini kien tajjeb biex jaghmel testament.

Dr.Sammut ma tafx illi f'Awwissu 2008, Carmelo kien ghamel testment iehor – xhedet ukoll illi ma kienitx titkellem mal-konjugi Cini dwar testmenti. Dr.Sammut lanqas ma taf xejn dwar ic-certifikat tal-psikjatra illi kien inhareg f'Awissu 2008.

Dottor Joseph Spiteri xhed illi ma jiftakarx lit-testatur Carmelo Cini.

Meta jirrilaxxa certifikat relattiv ghall-kapacita` testmentarja, Dr.Spiteri jzomm kopja tieghu, (dment illi l-qraba jibghatulu tali kopja).

Dr. Spiteri dejjem jaghmel rakkomandazzjoni illi l-ezami psikjatriku jsir fil-ghodu u t-testment isir dik il-gurnata stess ghaliex anke ftit granet jistghu jaghmlu varjazzjoni.

Sabiex jigi stabbilit jekk pazjent ghandux il-kapacita` testamentarja, jehtieg illi jigi ezaminat minn psikjatra u mhux minn psikologu jew tabib. Dan ghaliex l-ezami tal-kapacita` testamentarja irid jiehu in konsiderazzjoni l-livell tal-lucidita` tal-pazjent, l-evidenza ta' jekk hemmx xi mard mentali u kif dan jaffettwa l-esodu ta' l-abbilita` illi jaghmel testment, u wara dan, l-istess pazjent illi qed jigi ezaminat irid ikun kapaci jifhem xi jfisser li taghmel testment, x'jista' jaghmel fit-testment u lil min is-soltu jista' jhalli l-affarijiet ta' go testment. Minbarra hekk, ix-xhud ihobb jaccerta ruhu illi l-pazjent mhux sforzat illi jaghmel it-testment. Ghal dan il-ghan, ix-xhud jezamina lill-pazjent wahdu fil-prezenza ta' l-infermiera u mhux tal-qraba.

Wara dan l-ezami jidhlu l-aspetti illi ghandhom x'jaqsmu ma' l-abbilita` illi l-pazjent jifhem x'inhu t-testment, x'jista' jikteb fit-testment izda mhux x'ser jikteb. Jekk ir-risposti ghad-diversi mistoqsijiet maghmula, ikunu tajbin, allura mbaghad il-pazjent jigi meqjus bhala illi ghandu *full testamentary capacity* u jista' jiddisponi mill-hwejjeg tieghu kif jidhirlu hu.

Dan l-ezami jkun ristrett ghal dak il-hin u mhux ghal xi jiem wara.

Mistoqsi jekk l-eta` ta’ Cini (ta’ wiehed u disghin (91) ), il-fatt illi Dottor Ferry kien sab illi Cini kellu *traits* ta’ *Parkinsonism* u t-trapass taz-zmien setghux jinfluwixxu fuq il-kundizzjoni ta’ Cini f’Dicembru ta’ l-istess sena, Dr. Spiteri wiegeb fis-sens illi l-eta` biss fiha nfisha tista’ tkun kawza li, minn zmien ghal zmien, jista’ jkun hemm element ta’ konfuzjoni, specjalment f’cirkostanzi bhal dawn tal-kaz odjern meta l-pazjent miet f’Dicembru 2008. Dwar il-*Parkinsonism*, Dr. Spiteri spjega illi dment illi jkun hemm biss sintomi fizici, dan m’ghandux jaffettwa l-kapacita` testmentarja, pero` ma jafx x’kienu sintomi seta’ kellu Carmelo Cini.

In kontro-ezami fil-kors ta’ l-istess seduta, mistoqsi jekk il-fatt illi l-mewt tkun issuccediet ftit gimghat wara illi jsir testment, jincidix fuq il-gudizzju tieghu dwar il-kapacita` testamentarja tal-pazjent, Dr. Spiteri wiegeb fis-sens illi dan ikun jiddependi minn x’kienet il-kawza tal-mewt. B’hekk, jekk xi hadd imut f’incident awtomobilistiku wiehed ma jistenniex illi l-kawza tal-mewt taffettwa l-istat mentali tal-persuna; jekk mill-banda l-ohra l-kawza tal-mewt kien suwicidju, allura huwa probabbli illi t-*testamentary capacity* tkun affettwata. L-ahhar ezempju li wiehed irid jikkonsidra hija illi jekk persuna tkun ilha ma tiflahx ghal zmien twil b’mod fiziku serju bhal per ezempju puplesija jew xi infezzjoni fil-pulmun – f’tali cirkostanzi, x’aktarx illi jkun hemm aspetti ta’ *delirium* u dan normalment jaffettwa l-kapacita` testamentarja.

Dottor Marcon Ali xhedet illi kienet a *general practitioner* u tahdem kemm mal-Gvern kif ukoll privatament ma’ Villa Messina, u li kienet hadet l-istorja ta’ Carmelo Cini darba, meta dan gie ammess gewwa Villa Messina – tali vista saret bhala parti mill-procedura ta’ l-*admissions.* Ma sarx ezami mediku.

Dr.Ali ikkonferma li lanqas kienet kompliet l-istorja sa tmiem taghha fis-sens li ma nizzlitx id-*Drugs History*, u ma ffirmatx il-*File Note.* Il-procedura ta’ l-*Admissions* tinkludi l-ezami fiziku tal-pazjent izda fil-kaz ta’ Cini, ghal xi raguni l-procedura ta’ l-*Admissions* ma tkomplietx.

Meta pazjent jidhol Villa Messina, l-qraba tieghu jistghu jaghzlu t-tabib illi jezaminah. Fin-nuqqas, Villa Messina ghandha lista ta' tobba taghha.

Dr.Ali xhedet ma kienitx tabiba tal-familja la ta' Carmelo Cini u lanqas tal-familjari tieghu.

Dr.Ali kkonfermat li taf lil Dottor Carmen Sammut pero` ma tarahiex regolarment gewwa Villa Messina.

Dr.Ali kkonfermat li kienet nizzlet fil-*file notes* illi Carmelo Cini kien ibati minn *"mild dementia"*, ghamlet dan fuq dak illi ntqal lilha, ghalkemm ma tistax tghid min qalilha.

Dr.Ali xhedet li kienet giet informata illi Carmelo Cini kien dahal fir-residenza flimkien ma' martu.

Il-konvenuta xhedet permezz tal-affiddavit illi huwa riassunt tal-istorja tat-testatur u uliedu.

F'din il-parti tal-affidavit tikkonferma li kienet t-ttieni mara tat-testatur li kellu sebat itfal: George Cini, Philip Cini, Carmela mizzewwga Farrugia, Louis Cini, John Cini, Joseph Cini, u Lino Cini llum mejjet, mill-ewwel zwieg tieghu.

Ikkonfermat li Carmelo Cini kien bena mix-xejn il-kumpannija C. Cini & Sons Limited, u t-tfal tieghu kienu mbroljaw lill missierhom meta dan ittrasferixxa in-negozju tieghu f'isem it-tfal.

Wara hafna snin, Carmelo Cini kien kkonsulta mal-Prim Imhallef Emeritus Profs. Giuseppe Mifsud Bonnici u ntlahaq ftehim fis-sens illi kull wiehed mill-ulied ihallas Lm 5,000. Filwaqt illi Louis Cini kien hallas dan l-ammont mill-ewwel, Carmelo Cini kellu jiftah kawza kontra Joseph u John Cini sabiex dawn ihallsu l-ammonti dovuti minnhom – tali kawzi kienu gew istitwiti abbazi ta' ftehim illi kien intlahaq nhar it-3 ta' Settembru 2003, u dan skond ma jirrizulta mis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell

(Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Marzu 2006. Nelfratemp Carmelo Cini skopra illi Joseph Cini u John Cini kienu bieghu l-ishma taghhom lil Louis Cini minn wara dahru illi ghalhekk sar l-uniku sid tal-kumpannija C. Cini & Sons Limited.

Jirrizulta illi John Cini kien ukoll hebb ghal missieru u kien ghamel rapport l-Ghassa ta' Hal Qormi rigward incident illi kien gara fil-fabbrika.

Wara dan l-incident, kien hemm incident iehor gewwa l-fabbrika illi dwaru kien hemm kawza l-Qorti fl-ismijiet **Carmelo Cini vs George Galea** [Cit. Numru 668/2004/RCP], meta wiehed mill-impjegati tal-fabbrika kien wegga' lil Carmelo Cini. In segwitu ta' dan l-incident il-konjugi Cini spiccaw marru joqoghdu gewwa Villa Messina f'Marzu tas-sena 2008.

Fil-bidu tas-sajf tas-sena 2008, u cioe` qabel ma sar it-testment tas-7 ta' Awwissu 2008, Carmelo Cini kien ghamel Affidavit illi gie ttimbrat min-Nutar Antoine Agius.

Fis-sajf tas-sena 2008, l-attur Philip Cini kien hareg lill-konjugi Cini. Meta waslu l-Buskett, Philip Cini kien hareg karta illi huwa kien lesta ghand in-Nutar Agius sabiex din tigi ffirmata minn Carmelo Cini. Carmelo Cini kien irrabja u ma kien iffirma xejn u kkonfronta lin-Nutar fuq daqshekk. Wara t-testatur Cini qal lill-konvenuta sabiex iccempel lin-Nutar Agius l-ghada filghodu – it-testatur Cini kien staqsa lin-Nutar Agius dwar x'kienet dik il-karta illi huwa kien baghat ma' l-attur Philip Cini, u dan kien wiegeb fis-sens illi huwa kien haseb illi kien Carmelo Cini illi baghat lil Philip.

Il-konvenuta innegat illi Carmelo Cini kienu jzuruh ta' spiss lil missierhom meta dan kien gewwa Villa Messina.

Il-konvenuta sostniet illi ma kienx veru illi xahar u nofs qabel ma miet, Carmelo Cini kien hazin hafna - effettivament f'dak iz-zmien , fit-28 ta' Novembru 2008,Carmelo Cini kien mar flimkien ma' Philip Cini stess ghand Spiteri Marble Works sabiex jaraw irhama illi

Carmelo Cini kien ordna. Kien Carmelo Cini illi kien irranga ghall-hlas ta' din l-irhama u kien ta cekk lil Philip sabiex dan ighaddih lil Spiteri.

Mhux veru illi meta Carmelo Cini ghamel it-testment tat-3 ta' Dicembru 2008, huwa kien *"qiesu izjed mejjet milli haj"* – effettivament nhar it-2 ta' Dicembru 2008, Dottor Carmen Sammut kienet irrilaxxat certifikat mediku illi permezz tieghu hija assigurat illi Carmelo Cini kien *"in a good mental condition".*

Illi l-konvenuta sostniet illi Philip Cini gieli kien izur lil Carmelo Cini meta hija tkun harget. In segwitu tal-visti zewgha kien ikun agitat u kien jghidilha li Philip Cini kien xewxu biex ma jhalli xejn minn gidu lill-konvenuta.

Dwar ix-xhieda ta' l-attur George Cini fil-kors tal-proceduri odjerni il-konvenuta tghid illi dan kien izur lil missieru madwar darba kull hmistax u mhux darbtejn sa tliet darbiet fil-gimgha kif iddikjara fl-Affidavit tieghu. Qabel ma l-konvenuta u zewgha marru joqoghdu Villa Messina, George gieli kien johroghom bil-karozza taghhom u kienu l-konjugi Cini illi kienu jhallsu ghall-*petrol.* Kull darba illi kien izur lill-konjugi Cini, George kien jitlob lil missieru sabiex jaghtih il-flus, u dan minkejja illi missieru kien ghadu kif tah madwar tlett elf lira (Lm 3,000) illi George qatt ma hallas lura. F'okkazjoni minnhom il-konjugi Cini kienu marru ma' George tas-Sliema u dan ried joqoghod wahdu ma' missieru – dakinhar George Cini qal lil Carmelo Cini sabiex fit-testment ihalli kollox lilu.

Il-konvenuta xhedet illi Carmela Farrugia kienet kienet irrifjutat illi tghin lill-konjugi Cini ghar-ritorn taghhom fid-dar konjugal. Xhedet ukoll illi f'okkazjoni minnhom din kienet marret izzur lil missierha Villa Messina meta l-konvenuta ma kienitx hemm u dan staqsa lil bintu jekk kienitx disposta illi taghti daqqa t'id lill-konvenuta fix-xoghol tad-dar ghaliex huwa xtaq illi jirritorna lejn id-dar. Carmelo Cini qal lill-konvenuta illi r-risposta ta' bintu ghal din it-talba tieghu kienet wahda pastaza.

Il-konvenuta sostniet illi Carmelo Cini tant kien ghadu f’sensih fil-5 ta’ Dicembru 2008, illi ried jakkompanja lill-konvenuta gewwa l-isptar sabiex dina taghmel MRI.

Sostniet illi Carmelo Cini ghamel hafna mat-tfal tieghu u r-ringrazzjament taghhom kien id-dizrispett illi kienu juruh. Carmelo Cini kien lucidu u kien jaf sewwa dak illi kiteb fit-testment tat-3 ta’ Dicembru 2008. Matul hajtu, ulied Carmelo Cini rnexxielhom johdulu dak kollu illi kien hadem ghalih tant illi spicca kwazi mkecci mill-fabbrika illi bena huwa stess, u sahhansitra riedu jipprovaw imorru kontra l-volonta` tieghu anke wara mewtu.

In kontro ezami, il-konvenuta ma tafx xi tfisser il-kelma “*lucidu*”. Hija kienet tisma’ lil zewgha jghid illi huwa kien iddispjacjut ghall-mod kif imxew mieghu wliedu kollha.

Il-kontro-ezami tal-konvenuta kompliet tixhed illi t-testment tat-3 ta’ Dicembru 2008 inkiteb dak il-hin min-Nutar illi qratu lit-testaturi qabel gew ix-xhieda. Qabel ma sar dan it-testment, Carmelo Cini kien tkellem man-Nutar Antoine Agius. Il-konvenuta kienet ghaddiet l-Affidavit ta’ Carmelo Cini [Dok. FC3] lill-Imhallef Emeritus Guzeppe Mifsud Bonnici ghaliex il-konjugi Cini dejjem kienu jhobbu jiehdu parir minghandu;

Il-konvenuta ma dehrilhhiex illi Carmelo Cini kien jaf lin-Nutar Margaret Heywood. Matul iz-zwieg mal-konvenuta, Carmelo Cini qatt ma kien inqeda bis-servizz tan-Nutar Heywood hlief fl-ahhar testment – cioe` dak ta’ Dicembru 2008.

Mistoqsija dwar kif in-Nutar Heywood, li l-konvenuta qatt ma kienet ratha qabel, f’daqqa wahda saret qiesha “*bhala tal-familja*” u kienet marret tliet darbiet tiehu l-kafe` mal-konjugi Cini biex jitkellmu “*fuq l-affarijiet*”, il-konvenuta wiegbet illi n-Nutar zarithom minn darbtejn sa tlieta. Il-konvenuta kellha l-impressjoni illi dakinhar li sar it-testment, hija ma kellhiex flus bizzejjed fuqha u kellha tmur il-bank aktar tard biex tigbed il-flus. Il-konvenuta kienet taf kemm kien fadlilha xi thallasha lin-Nutar u ghalhekk, meta regghet giet l-ewwel darba wara t-

tesment, il-konvenuta lin-Nutar tatha l-flus li kellha taghtiha.

Mistoqsija jekk il-kundizzjoni ta’ zewgha aggravatx ruhha bejn Awwissu u t-testment ta’ Dicembru qabel ma miet, il-konvenuta wiegbet fis-sens illi sal-5 ta’ Dicembru, zewgha kien ghadu sew u l-konjugi Cini kienu anke johorgu fil-kumpanija ta’ residenti ohra f’Villa Messina. Skond ma tiftakar il-konvenuta, l-ahhar darba illi l-konjugi Cini hargu kien ghall-habta ta’ Ottubru meta marru l-*Casino*.

Il-konvenuta ma jidhrilhiex illi f’dan il-perijodu, zewgha dahal l-isptar – huwa dahal l-isptar biss wara l-Milied u mbaghad miet. Kien f’dawk il-granet biss illi Carmelo Cini kien hazin.

Il-konvenuta tichad illi zewgha kien qiesu ccassat u illi lanqas kien jaf illi kien qieghed f’dinja. Ghall-kuntrarju, il-konvenuta sostni li zewgha kien ikellimha u li kien biss lejn l-ahhar kienu jitimghuh *liquidised food,* pero` dan kien biss ghal xi granet.

Fil-5 ta’ Dicembru, Carmelo Farrugia ried jakkompanja lil martu ghall-vista illi dina kellha l-isptar sabiex naghmel l-MRI – kienet il-konvenuta illi hassritlu peress illi kienet il-kesha.

Mistoqsija ghaliex mat-testment ta’ Awwissu 2008 gie anness certifikat tal-Psikjatra Spiteri filwaqt illi ma’ l-ahhar testment ma giex anness certifikat, il-konvenuta wiegbet illi dan kien sinjal li Carmelo Cini kien fi stat tajjeb ghaliex kieku l-Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici kien ighidilhom biex jaghmlu certifikat.

Il-konvenuta cahdet illi f’Dicembru ma sarx certifikat psikjatriku ghaliex Carmelo ma setax jitkellem.

It-testment illi kitbet in-Nutar Heywood kien ilu miktub u l-konvenuta kienet urietu lil zewgha illi kkonferma illi t-testment illi kitbet in-Nutar Heywood kien kif ried hu.

B’referenza ghall-affidavit ta’ zewgha il-konvenuta sostniet li kitbet dak illi kien qalilha zewgha fuq *rough paper* - din regghet giet ikkonfermata minn Cini. Wara kienet regghet giet kkonfermata ma’ Carmelo Cini, minn Nutar Agius li ttimbraha.

B’referenza ghas-suggeriment maghmul lilha illi f’Settembru qabel ma miet, Carmelo Cini kienet twaqqfitlu wahda mill-pilloli, il-konvenuta wiegbet illi dak iz-zmien il-pilloli hija kienet tafhom bl-amment, pero` wara illi mewt ta’ Carmelo Cini, hija kienet qattghet il-karti kollha u ghalhekk ma tiftakarx x’pilloli kellu. Il-konvenuta taf illi f’okkazjoni minnhom, il-Professur Ferry kien ziedlu pillola ghall-*Parkinson* lil zewgha. Illum il-konvenuta ghandha ghali li zewgha ha din il-pillola ghaliex skond hi, donnu illi kien minn dakinhar illi zewgha beda jmur lura.

Dakinhar illi sar l-ahhar testment, ix-xhieda dahlu meta t-testment kien lest izda Carmelo Cini ffirma quddiem ix-xhieda.

Dakinhar illi gie ffirmat it-testment, in-Nutar marret bit-testment lest ghaliex il-konvenuta kienet hadet it-testment ghand l-Imhallef Mifsud Bonnici u dan fuq struzzjoni ta’ zewgha.

Il-konvenuta sostniet huwa minnu illi l-kitba redatta mill-konvenuta [Dok. FC3] kienet diga` miktuba meta sar it-testment ta’ Awwissu.

Mill-affidavit tat-testatur Carmelo Cini – Dok. FC3 ammess Ai termini ta’ l-Artikolu 600 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kkonfermat bil-gurament tat-testatur Carmelo Cini quddiem in-Nutar Antoine Agius, dakinhar stess illi sar it-testment tas-7 ta’ Awwissu 2008 [Dok. A].

Jirrizulta illi t-testatur Cini ried jikkumpensa sew lill-konvenuta ta’ kemm hadet hsiebu specjalment meta waqa’ gewwa l-fabbrika, u dan minkejja illi ma kellha ghajnuna minghand hadd; lanqas minghand ulied Cini.

Kien hemmhekk illi l-konvenuta qabadha wgiegh kbir u l-konjugi Cini kienu kkonsultaw mal-Profs. Zammit Maempel illi ordnalha illi tinzamm fil-piz ghal gimghatejn shah. Wara, il-Profs. Zammit Maempel indika illi l-konvenuta kellha bzonn operazzjoni pero` fiz-zmien meta sar dan l-Affidavit, il-konvenuta kienet qieghda tirrisjedi gewwa Villa Messina flimkien ma' zewgha – hija kienet qieghda hemmhekk ghall-mistrieh.

Carmelo Cini kien dahal Villa Messina meta l-konvenuta kienet rikoverata l-isptar, sabiex ma jibqax wahdu.

Ulied Carmelo Cini, kollha kemm huma, hadu xi sehem mill-fabbrika *C. Cini & Sons Limited,* filwaqt illi, lil missierhom ma tawh xejn. Cini jghid illi partikolarment uliedu Louis, Joseph u John Mary *"hadu fuq li hadu".*

Id-dar *[ matrimonjali tal-konjugi Cini]* x'aktarx illi kienet ser tinbiegh u ghalhekk is-sehem ta' nofs illi kien jappartjeni lill-ewwel mara ta' Cini kien ser ighaddi favur ulied Cini, filwaqt illi n-nofs rimanenti jibqa' ta' Carmelo Cini stess. Dwar dan is-sehem tieghu, Cini ddikjara illi huwa xtaq illi dan ighaddi lill-konvenuta bhala kumpens ta' kemm hadet hsiebu. Cini ddikjara ulterjorment illi kull ma kien hemm intestat f'isem il-konvenuta kellu jibqa' meqjus bhala proprjeta` taghha u illi f'kaz illi xi hadd jaghmel xi haga lill-konvenuta, dan ma kellu jiehu xejn minghand Carmelo Cini.

**Ikkonsidrat:**

Permezz ta' Rikors minnhom ipprezentat fit-3 ta' Frar 2011, l-atturi ddikjaraw illi huma inkarigaw espert kaligrafu *ex parte* illi, wara illi hadet konjizzjoni tal-fotokopja tat-testment addizzjonali tat-testatur Carmelo Cini tat-3 ta' Dicembru 2008 [Dok. B] u ta' dokumenti ohra ffirmati mill-istess Cini, indikat il-possibilita` illi l-firma fuq Dok. B ma kienitx awtentika. Ghalhekk huma talbu, *inter alia,* lil dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace sabiex tinnomina espert

kaligrafu sabiex tigi determinata l-awtenticita` ommeno tal-firma tat-testatur Cini fuq it-testment tat-3 ta' Dicembru 2008 [Dok. B].

Permezz tad-Digriet taghha tas-16 ta' Marzu 2011, dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, irrizervat illi tipprovdi dwar in-nomina ta' espert kaligrafu fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz, effettivament qatt ma gie nominat espert kaligrafu fil-kawza odjerna.

Ghaldaqstant fl-assenza ta' prova illi tali firma kienet fabbrikata, il-Qorti tqis illi tali firma saret effettivament mid-*decuius*, kif, *del resto,* jirrizulta mix-xhieda ta' Salvina Sammut illi kienet prezenti ghall-iffirmar tat-testment.

L-atturi ddikjaraw ill il-kawza odjerna ghandha s-sisien taghha fuq is-**subartikoli (b) u/jew (d)** ta' l-**Artikolu 597** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta** illi jirrigwardaw in-nuqqas ta' intellett u volizzjoni tat-testatur. L-azzjoni ghar-rexxissjoni ta' kuntratt minhabba allegata firma falza tal-parti kontraenti ma tirraffigurax ruhha fl-azzjoni migjuba mill-atturi ai termini ta' l-**Artikolu 597(b) u/jew (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ghalhekk ma kien hemm ebda lok fit-termini ta' l-azzjoni migjuba mill-atturi, ghall-inkarigu ta' espert kaligrafu sabiex tigi determinata l-awtenticita` ommeno tal-firma tat-testatur Camrelo Cini fuq it-testment tat-3 ta' Dicembru 2008 [Dok. B].

Is-successjoni tat-testatur Carmelo Cini hija regolata minn zewg testmenti:-

Permezz tat-testment *unica charta* revokatorju datat 7 ta' Awwissu 2008 fl-Atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius [Dok. A], it-testatur Carmelo Cini kien iddispona minn gidu billi, filwaqt illi ddizeredita lil uliedu Louis, John u Joseph:-

Istitwixxa bhala l-unici eredi universali tieghu lil uliedu l-atturi George Cini, Philip Cini u Carmela Farrugia fil-porzjon indiviz bejniethom ta' tlieta minn hamsa (3/5); lin-neputijiet tieghu l-atturi Arnold Cini u r-Reverendu Carlo Cini fil-porzjon ta' kwint (1/5) indiviz bejniethom, u lil martu

l-konvenuta in kwantu ghall-porzjon rimanenti ta’ kwint (1/5) indiviz; u

Halla wkoll b’titolu ta’ legat favur il-konvenuta:-

Id-dritt ta’ abitazzjoni relattivament ghad-dar u l-garaxx bin-numru 63 u 65, New Street, Qormi mill-gurnata tal-mewt tieghu sal-gurnata tal-mewt tal-konvenuta;

L-uzufrutt fuq l-oggetti mobbli kollha illi fid-data tal-mewt tieghu kienu jinsabu fid-dar tieghu, bl-ezenzjoni ta’ l-inventarju u tal-garanzija;

Il-piena proprjeta` tal-flus kontanti kollha illi huwa kien jippossjedi fil-gurnata ta’ mewtu;

Inoltre t-testatur Cini pprovda illi f’kaz illi l-eredi tieghu kellhom ibieghu l-proprjeta` 63 u 65, New Street, Qormi qabel il-mewt tal-konvenuta, huma jkunu obbligati illi jhallsu lil-konvenuta s-somma ta’ hamsin elf Euro (€50,000.00), oltre sehemha mill-istess.

Imbaghad, permezz tat-testment addizzjonali datat 3 ta’ Dicembru 2008 fl-Atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood [Dok. B] it-testatur Cini biddel dak dispost fit-testment *unica charta* tas-7 ta’ Awwissu 2008 [Dok. A] **unikament u limitatament** billi ddispona illi f’kaz illi l-proprjeta` 63 u 65, New Street, Qormi tinbiegh qabel id-data tal-mewt tal-konvenuta, l-eredi jkunu obbligati illi jhallsu favur l-istess konvenuta s-somma ta’ sebghin elf Euro (€70,000.00) – u mhux il-hamsin elf Euro (€50,000.00) originarjament imsemmija - oltre sehemha mill-istess rikavat. F’dan it-testment, it-testatur Cini ddikjara espressament illi tali somma ta’ sebghin elf Euro (€70,000.00), oltre sehemha bhala werrieta universali tieghu, kellha tithallas lill-konvenuta bhala rikonoxximent ghal dak kollu illi hija

kienet qieghda taghmel mat-testatur fl-istat illi huwa kien jinsab fih.

Il-Qorti tirrileva illi din ir-raguni illi t-testatur ta sabiex jiggustifika ghaliex huwa xtaq illi martu l-konvenuta tircievi sebghin elf Euro (€70,000.00) aktar mill-eredi l-ohra mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` 63 u 65, New Street, Qormi, it-testatur kien diga` esprimiha fl-Affidavit illi huwa kkonferma quddiem in-Nutar Agius fl-istess jum illi sar it-testment tas-7 ta' Awwissu 2008 [Dok. A]. B'hekk l-unika kambjament fir-rieda tat-testatur bejn is-7 ta' Awwissu 2008 u t-3 ta' Dicembru 2008 meta sar it-testment illi qieghed jigi impunjat mill-atturi [Dok. B], kien fis-sens illi huwa xtaq izid il-kumpens lil martu l-konvenuta talli dina kienet hadet hsiebu, b'ghoxrin elf Euro (€20,000.00) fuq dak illi huwa kien diga` pprovda fit-testment tas-7 ta' Awwissu 2008 [Dok. A]. B'hekk, effettivament, ma kien hemm ebda kumplessita` fit-tibdil tar-rieda tat-testatur permezz tat-testment impunjat [Dok. B].

L-atturi bl-ebda mod ma jikkontestaw il-validita` tat-testment tas-7 ta' Awwissu 2008 [Dok. A]. Minn dan isegwi illi fil-prattika, l-unika kontestazzjoni ta' l-atturi hija dwar iz-zieda ta' ghoxrin elf Euro (€20,000.00), oltre l-hamsin elf Euro (€50,000.00) stipulati fit-testment imsemmi tas-7 ta' Awwissu 2008 [Dok. A] illi l-eredi l-ohra tat-testatur Carmelo Cini huma tenuti illi jhallsu lill-konvenuta oltre sehemha f'kaz illi l-proprjeta` 63 u 65, New Street, Qormi tinbiegh qabel id-data tal-mewt tal-konvenuta.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet akkurati tal-Perit Legali, taddotthom u taghmilhom taghha.

**Ikkonsidrat:**

Fil-kawza odjerna, r-ragunijiet ghaliex t-testment addizzjonali tat-3 ta' Dicembru 2008 [Dok. B] qed jigi mpunjat mill-atturi, hi ghaliex, fil-fehma taghhom, it-testatur Carmelo Cini ma kellux il-kapacita` volittiva u l-kapacita` illi jifhem u japprezza dak illi kien qieghed

jaghmel fiz-zmien illi sar dan it-testment, u/jew ma kienx f'sensih b'mod illi seta' validament jiddisponi b'testment.

L-**Artikolu 597** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta** li fuqha qedgha msejsa din il-kawza jipprovdi testwalment: -

*"Huma inkapaci li jiddisponu b'testment:*
*....*

*(b) dawk illi, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci illi jifhmu jew illi jkollhom volonta`, jew illi, minhabba xi difett jew hsara, ma jkunux kapaci... illi jesprimu r-rieda taghhom:*
*.....*

*(d) dawk illi, ghalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'dizordni mentali jew kundizzjoni ohra, illi taghmilhom inkapaci illi jiehdu hsieb hwejjighom fil-hin illi jsir it-testment."*

Il-konvenuta tirribadixxi illi Carmelo Cini meta ghamel it-testment tat-3 ta' Dicembru 2008 [Dok. B] kien jippossjedi l-fakultajiet mentali tieghu b'mod illi japprezza dak illi kien qieghed jaghmel, u konsegwentement l-istess testment kien validu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Skond il-gurisprudenza nostrali hemm prezunzjoni *juris tantum* illi :

***"kull min ikun ghamel testment huwa kapaci biex jiddisponi minn beni tieghu; salva prova kuntrarja".***

Vide sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak** mill- **Qorti ta' l-Appell** deciza fil-**20 ta' Gunju 1938,** u **Pawlu Farrugia et vs Carmelo Farrugia et** deciza fil-**5 ta' Ottubru 2004** per **Imh. Dr. N. Cuschieri** .

In oltre testment jigi ritenut validu,kemm–il darba t-testatur jipposjedi :

***“il-kuxjenza, jew ahjar illi jkun jaf u jifhem x’ikun qed isir, u illi fil-fatt ikun sar, b’mod illi mhux imprexxindibilment mehtieg illi l-volonta` intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana”***

Vide sentenza **Carmelo Mifsud et vs Maria Giordano et** deciza mill-**Onor. Imh. A. V. Camilleri** nhar it-**8 ta’ Marzu 1952**.

Inghad ukoll illi:

***“biex it-testatur ikun kapaci jaghmel testment, ma hemmx bzonn illi jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu izda huwa bizzejjed illi jkollu l-uzu tar-raguni fi grad illi jippermettilu jkun jaf x’inhu jaghmel”.***

Vide Sentenza fl-ismijiet **Joseph Harmsworth et vs Gaetana Bezzina et noe,** deciza mill-**Onor. Imh.G Valenzia** nhar is-**16 ta’ Dicembru 2002.**

B’hekk il-kapacita` testamentarja hija prezunta, filwaqt illi l-inkapacita`, illi hija l-eccezzjoni, ghandha tigi pprovata minn min jallegaha.  Il-prova ta’ l-atturi f’dan ir-rigward trid tkun *“cara, univoka u konklussiva”* u huwa f’dan l-isfond guridiku illi jridu jigu analizzati l-provi migjuba f’dawn il-proceduri.

**Ikkonsidrat:**

Fl-Affidavits taghhom, l-atturi jinsistu illi fl-ahhar xahar u nofs jew xahrejn ta’ hajtu, it-testatur Carmelo Cini, illi miet nhar it-30 ta’ Dicembru 2008, kien spicca fi stat kwazi vegetattiv, tant illi kien il-hin kollu jbezlaq u lanqas kien jiflah igholli jdejh sabiex imiss xofftejh, ma kienx jiekol, u kien ikun dejjem iccassat fis-sodda minghajr ebda abilita` illi jikkomunika.  Gabriella Busuttil, n-neputija tat-testatur Cini, iddikjarat illi meta hija marret izzur lil nannuha f’Ottubru 2008, dan kien fis-sodda ma jiccaqlaqx u sahansitra tfixkilha ma’ kuginitha Marica.

Il-konvenuta, min-naha l-ohra, tinsisti illi fit-3 ta' Dicembru 2008, meta sar it-testment illi qieghed jigi impunjat mill-atturi, tat-testatur Carmelo Cini kien ghadu f'sensih, u sahansitra madwar xahar u nofs qabel ma miet, kien mar, flimkien ma' l-attur Philip Cini, ghand Spiteri Marble Works sabiex jaraw irhama illi t-testatur Cini kien ordna. Effettivament il-konvenuta sahansitra pprezentat rendikont ta' *bank draft* mahrug minn Bank of Valletta p.l.c. fuq struzzjoni tad-testatur Carmelo Cini nhar it-28 ta' Novembru 2008 [Dok. FC6] f' dan ir-rigward.

Minkejja il-kontro-ezami rigoruz u isserrat tal-konvenuta, ma xxelfitx l-kredibilita` tax-xhieda taghha. Illi jirrizulta ipprovat ghalhekk, illi fit-28 ta' Novembru 2008 jew ftit qabel, **it-testatur Carmelo Cini kien ghadu fi stat tajjeb sahhansitra sabiex jakkompanja lill-ibnu sabiex jaghzel l-irhama**, u ghalhekk tali decizjoni, ghalkemm mhux komplikata, turi illi t-testatur kien fizikament u mentalment kapaci, sa dik il-gurnata, sabiex jiddeciedi dwar hwejgu.

**Il-Qorti tfakkar illi t-testment illi qed jigi impunjat, sar biss hamest ijiem wara din il-mawra.**

Il-Qorti tinnota ukoll illi it-tibdil fil-kontenut tat-testment li qed jigi impunjat, la kien komplikat wisq anqas konvolut. It-tibdil kien sempliciment awment t'ghoxrin elf Ewro(€20,000.00) favur il-konvenuta, f'kaz illi d-dar konjugali tal-konjugi Cini tigi mibjugha f'hajjet il-konvenuta, u cioe' awment fi figura wahda, minn hamsin elf Euro (€50,000.00) ghal sebghin elf Euro (€70,000.00).

Meta wiehed jezamina it-testment tas-7t'Awwissu 2008, mat-testment li qed jigi impunjat, wiehed malajr jinduna illi it-tibdil fit-testment li qed jigi impunjat **semmai issahhah u jikkonferma l-volonta' kostanti tat-testatur u mhux ixxejnhu**. Dan qieghed jinghad l' ghaliex fl-isfond tat-taqbida bejn it-testatur u wliedu, (u dan jidher ukoll mit-testment tas-7 ta' Awwissu 2008) t-testatur kien kwasi ossessjonat biex jassigura illi martu tkun protetta finanzjarjament wara mewtu mir-rebgha t'uliedu.

L-atturi jinsistu illi nuqqas tac-certifikat psikjatriku anness mat-testment tat-3 ta’Dicembru 2008, jissostanza u jikkorobora it-tezi taghhom u pproducew lill-psikjatra Spiteri, ghal dan il-ghan.

Il-Qorti qrat u ezaminat bir-reqqa ix-xhieda tal-istess Spiteri u tqis illi sakemm isir t-tibdil neccessarju fil-ligi, l-fehma ta’Dr.Spiteri ghalkemm wahda gharfa, tibqa’ biss deziderata u mhux obbligatorja, ‘l ghaliex il-kapacita testimentarja hija dik illi giet imfassla mill-ligi u mill-gurisprudenza taghna kif fuq citat.

Illi l-Qorti rat u ezaminat bir-reqqa x-xhieda tal-*carers*, u Tobba ta’ Villa Messina prodotti mill-atturi, sabiex jigi apprezzat l-istat mentali tat-testatur Cini.

Illi wara l-analizi tax-xhieda ta’ Tessie Schembri, Mary Cassar, Josephine Farrugia, Doris Chircop u Roseanne Micallef, din il-Qorti tifhem illi dawn il-*carers* kienu jigu assenjati ma pazjent **darba fi hmistax jew tlett gimghat** (vide xhieda ta’ Josephine Farrugia), **jew darba fix-xahar** (vide xhieda ta’ Tessie Schembri). Ghaldaqstant meta si tratta ta’ perjodu daqshekk qasir mid-data tat-testment li qed jigi impunjat cioe 3 ta’ Dicembru 2008 sad-data tal-25 ta’ Dicembru 2008, meta t-testatur ttiehed l-isptar, wiehed malajr jinduna illi l-*carers* prodotti mill-atturi ma setghux rawh aktar minn darba, darbtejn. Illi dan il-perijodu ta’ zmien bejn *rota* u ohra tal-*carers,* jispjega ukoll l’ ghaliex, il-*carers* iddiskrivew is-sahha tat-testatur Cini, vicin tal-ammissjoni tieghu fl-isptar, bhala wahda daqstant kritika, apparti l-fatt li x-xhieda taghhom m’hijiex wahda konsistenti.

Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex tanalizza x-xhieda ta’ Dottor Peter Ferry, Dottor Carmen Sammut u n-Nutar Margaret Heywood, liema testimonjanza ghandha tinghata importanza kbira fl-analizi tal-materja odjerna, invista ta’ dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia et vs Carmelo Farrugia et** deciza mill-**Onor Imh. Noel Cuschieri** nhar il-**5 ta’ Ottubru 2004:**

***"Ghandhom ukoll rilevanza qawwija id-depozizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testatrici u n-Nutar illi kkonfezzjona t-testment dwar l-istat u l-komportament tat-testatrici fiz-zmien relevanti".***

Fix-xhieda tieghu, Dottor Peter Ferry, specjalizzat fil-medicina gerjatrika, li ezamina lit-testatur Cini nhar l-24 ta' Novembru 2008 u wkoll fis-6 ta' Dicembru 2008, ikkonferma illi, filwaqt illi kellu sinjali ta' *Parkinsonism,* it-testatur Cini la kellu mard neurologiku, u lanqas ma kellu *Lewy Body Dementia*. Dottor Perry ikkjarifika illi fiz-zewg okkazjonijiet illi gie invistat minnu, it-testatur Cini kien kapaci jifhem lit-tabib, tant illi l-istess Tabib seta' jaghmel it-*test* neurologiku minghajr ebda problema.

Il-Qorti tqis illi din ix-xhieda hija wahda kardinali 'l ghaliex illi ma thalli l-ebda dubbju illi **sa tlett ijiem wara** illi sar it-testment li qed jigi impunjat, **it-testatur seta' jikkomunika b'mod sufficjenti mal-professjonista, u ma kellux *dementia*.**

Dan irid jigi apprezzat fid-dawl tad-tibdil minimu li sar bejn it-testment tas-7 Awwissu 2008 [Dok. A] u t-testment li qed jigi impunjat [Dok. B]. Fid-dawl ta' dak illi xehed Dottor Ferry, il-Qorti tqis illi t-testatur seta' validament jaghmel it-tibdil minimu illi sar fit-testment tat-3 ta' Dicembru 2008 u seta' jfiehem ir-rieda tieghu lin-Nutar Heywood.

Il-Qorti tinstab ukoll konfortata mill-fatt illi l-konkluzjonijiet milhuqa minn Dottor Peter Ferry gew ikkonfermati minn Dottor Carmen Sammut, il-*general practitioner* illi rrilaxxat ic-certifikat mediku tat-2 ta' Dicembru 2008 [Dok. FC5] illi jindika illi t-testatur Cini kien *in a good mental condition and capable of making a testament as arranged for tomorrow 3rd December 2008.* Dottor Carmen Sammut, filwaqt illi eskludiet illi t-testatur Cini kien ibati mill-kundizzjoni tad-*dementia,*asseriet illi Cini ma kellux *full-blown Parkinsonism,* ikkjarifikat illi ghalkemm lejn l-ahhar ta' Novembru jew il-bidu ta' Dicembru 2008, it-testatur Cini ma kienx ghadu jitkellem hafna minhabba illi kien

fizikament batut, meta kien jitkellem, huwa kien elokwenti u ma kienx ihawwad fi kliemu. Dottor Sammut kompliet tghid illi ghalkemm wara s-17 ta' Novembru 2008, l-istat ta' sahha tat-testatur Cini mar ghall-aghar u dan ma kienx *alert,* huwa xorta wahda kien ghadu jaghrafha meta din kienet taghfaslu jdejh jew tmisslu wiccu, u specifikat illi fil-perijodu wara s-17 ta' Novembru 2008, it-testatur Cini kien jirrispondi ghal domandi semplici bhal per ezempju jekk kienx ikun mugugh.

Il-Qorti ezaminat l-importanza li giet moghtija mill-atturi fuq notament illi gie inserit fil-*file* tat-testatur Carmelo Cini gewwa Villa Messina nhar is-17 ta' Marzu 2008 fis-sens illi *"O/E (on examination) suffers from mild dementia"* – kundizzjoni illi hija ghal kollox eskluza minn Dottor Carmen Sammut u Dottor Peter Ferry illi certament illi ezaminaw lid-*decuius* b'mod ferm aktar akkurat milli ghamlet Dottor Marcon Ali meta dan gie ammess f'Villa Messina.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Dottor Marcon Ali illi meta hija ghamlet dan in-notament, **ma wettqet ebda ezami mediku fuq it-testatur**, u hadet biss *history* tat-testatur li **la kien komplet wisq anqas iffirmat minnha**.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma illi fuq bazi ta' probabilita`, illi fit-3 ta' Dicembru 2008, it-testatur Cini kien ghadu f'sensih u ghalkemm seta' kellu diffikulta` li jesprimi ruhu minhabba l-istat hazin ta' sahha fizika tieghu, huwa kien kapaci illi jiddisponi minn gidu skond kif rikjest mil-Ligi.

Il-Qorti ezaminat ukoll f'dan t-testimonjanza tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, illi skond il-gursiprudenza kostanti tal-Qrati taghna ghandha valur probatorju sinifikanti. Hekk insibu fis-Sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak** deciza mill- **Qorti ta' l-Appell** nhar l-**20 ta' Gunju 1938** illi:-

***"sebbene non costituire l'asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da se, la prova della capacita` mentale del testatore, tuttavia le***

***constatazioni del notaro ottenuto all'oggetto di accertarsi della capacita` a` testare del disponente, <u>forniscono un'importante elemento di prova che, unito ad altri,</u> puo` condurre ad un'esatto giudizio sul problema da risolvere".*** [Enfasi fl-Original].

Vide ukoll s-Sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg et vs Godwin Borg,** deciza mill-Onor **Imh. R. C. Pace** nhar it-**2 ta' Ottubru 2012**.

Fix-xhieda taghha in-Nutar Heywood spjegat kemm–il darba zaret lit-testatur Cini qabel it-testment, illi kienet giet avvicinata dwar dan it-testment kien mill-Imhallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici illi spjegalha il-kontenut tat-testment addizzjonali.

Ghalhekk wiehed jifhem illi  t-testatur Cini kien kkonsulta ukoll ma' l-Imhallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici sabiex jispjegalu x-xewqat tieghu u dana qabel d-data meta gie ffirmat it-testment tat-3 ta' Dicembru 2008. Minn dan isegwi illi kien hemm trapass ta' zmien sostanzjali bejn il-laqghat tan-Nutar Heywood ma Cini sad-data tat-3 ta' Dicembru 2008, meta skond ix-xhieda ta' Dottor Peter Ferry u Dottor Carmen Sammut, it-testatur Cini kien ghadu kapaci jifhem u jikkomunika, u kien ghadu f'sensih.

Dana qed jinghad **apparti il-kontenut innifsu** tax-xhieda tan-Nutar Dottor Margaret Heywood insistiet fix-xhieda taghha illi Cini kien f'sensih meta sar it-testment.

In-Nutar Heywood xehdet ukoll illi hija kienet giet ipprovduta b'certifikat mediku illi kien jiccertifika l-kapacita` testamentarja tat-testatur Cini, ghalkemm dan ma giex allegat mat-testment *de quo*.

Illi c-certifikat mediku tat-testatur m'huwiex element mandatarju skond il-ligi, ghal validita' ta' testment, u dan gie kkonfermat gudizzjarjament minn fis-Sentenza fl-ismijiet **Helen Mamo et vs Mary *sive* May Pecorella** mill-**Onor.Imh. Anthony Ellul** nhar it-**12 ta' April 2012** fejn jinghad: -

***"Hu veru illi mat-testmenti ma gewx annessi certifikati medici illi jiccertifikaw li l-istat mentali tat-testatur kien jippermettilu illi jaghmel it-testment. Pero` b'daqshekk ma jfisser xejn ghalkemm forsi kien ikun aktar ghaqli li Grech*** [it-testatur f'dak il-kaz] ***jigi ezaminat minn tabib qabel ghamel it-testment".***

Il-Qorti tghaddi biex tanalizza ir-ragionevolezza o meno tad-dispozizzjonijiet tat-testment tat-3 ta' Dicembru 2008 li qed jigi impunjat. Infatti

***"Fattur determinanti sabiex tigi stabbilita s-sanita` mentali tat-testatur, hija r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet illi jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-ezami tal-fatt jekk it-testment "e` cosi` fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza" u jekk "l'atto porta i caratteri della saggezza".***

Vide s-Sentenza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia et vs Carmelo Farrugia et,** deciza mill-**Onor. Imh. N. Cuschieri** nhar il-**5 ta' Ottubru 2004** .

Meta wiehed jikkonsidra l-isfond tad-disgwid kbir illi kien hemm bejn it-testatur Carmelo Cini u tfal tieghu, dwar il-gid tieghu kummercjali; u l-manjiera illi biha minkejja l-isforzi tat-testatur Cini ghall-kuntrarju, huwa infatam mill-kumpanija illi stabilixxa minghajr ma inghata il-kumpens adegwat; liema disgwid sahhansitra sarrfu f'diversi proceduri fil-Qrati kemm Civili u kif ukoll Kriminali; din il-Qorti tifhem illi il-volonta' tat-testatur sabiex jipprotegi lit-tieni mara tieghu finanzjarjament kienet altru li kienet ragionevoli. Ir-raggionevolezza tad-tibdil fit-testment tat-3 ta' Dicembru 2008 huwa wkoll rifless fil-fatt illi kienet il-konvenuta biss illi kienet tindokra lil zewgha.

Finalment lanqas ma jidher ipprovat li t-testatur Cini kien iddominat jew ikontrollat minn martu l-konvenuta u dana jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Antoine Agius li ikkonferma, illi rieda tat-testatur Cini kienet irrezistiet l-opinjonijiet u ix-xewqat ta' martu.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tqis illi t-testatur Carmelo Cini kellu l-kapacita testimentarja rikjesta skond l-Artikolu 597 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex jiddisponi bit-testment addizzjonali tat-3 ta’ Dicembru 2008.
Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad l-ewwel talba attrici stante li ma tressqux provi cari, univoci u konklussivi skond il-ligi illi fiz-zmien illi fih sar it-testment addizzjonali datat 3 ta’ Dicembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, it-testatur Carmelo Cini ma kellux il-kapacita` volittiva u l-kapacita` illi jifhem u japprezza dak illi kien qieghed jaghmel u/jew illi ma kienx f’sensih b’mod illi seta’ validament jiddisponi minn gidu.

Tichad it-tieni talba attrici sabiex it-testment addizzjonali tat-3 ta’ Dicembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood jigi dikjarat null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------